# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar iT-Tlieta 9 ta' Jannar, 2001.

**Avviz numru : 40/97G2(PC)**

**Korporazzjoni Telemalta, li b'degriet tas-26 ta' Frar, 1998, gie sostitwit bil-kliem Maltacom plc .**

**Vs**

**Raymond Fenech .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt lira maltin u erbgha u hamsin centezmu (LM500.54c), rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni man-numru tat-telefon 552928 (skond kif jirrizulta mill-anness 'statement' dokument 'A') liema servizz gie stallat fil-fond fuq imsemmi skond ma kif jidher mill-anness 'service agreement' hawn anness dokument B .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar, 1997, it-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali kontra l-konvenut, debitament ingunt ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dokumenti annessi ma' dana l-avviz .**

**Rat ukoll in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Fenech ipprezentata fis-16 ta' Settembru, 1997 .**

**Rat il-verbal tax-xhieda tal-PL Noel Scerri ghan-nom tas-socjeta' attrici .**

**Rat ukoll id-dokumenti minnu esebiti f'dik is-seduta .**

**Rat ukoll id-dokumenti l-ohra esebiti fl-atti ta' din il-kawza fi stadju ulterjuri .**

**Innutat illi l-konvenut Raymond Fenech minkejja dak illi huwa allega fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu rigward illi l-ammont kif mitlub mis-socjeta' attrici ma huwiex dovut, baqa' ma gab l-ebda provi dwar dawn l-allegazzjonijiet .**

**Il-Qorti, ghal hekk, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici hija gustifikata, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-istess talba attrici, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' hames mitt lira maltin u erbgha u hamsin centezmu (LM500.54c), dovuti in konnessjoni man-numru tat-telefon 552928, bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Jannar, 1997, tat-taxxa fuq il-valur mizjud, kollox kontra l-istess konvenut .**

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
Si4097Pc
330